## QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 469/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Christian Calleja**

Illum 24 ta' Ottubru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat **Christian Calleja**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 24794(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fid-19 ta' Frar 2022 għall-ħabta ta' 23:41hrs ġewwa Triq it-Tlett Ibliet, Bormla saq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LDI 106:

1. saq vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajr liċenzja tas-sewqan;

2. uża, ġiegħel jew ħalla lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq, għal użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra mingħajr polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni;

3. naqas li jġedded il-liċenzja tas-sewqan meta kellu il-perjodu tal-validita' ta' l-imsemmija liċenzja skaduta.

Il-Qorti ġiet mitluba li l-imputat jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-18 ta' Ottubru 2022, fejn il-Qorti, filwaqt li lliberat lill-imputat mit-tieni (2) imputazzjoni, wara li rat l-Artikoli tal-liġi, sabitu ħati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjoni u kkundannatu jħallas multa ta' tliet mitt Euro (€300) pagabbli fi tliet pagamenti mensili ugwali *ai termini* ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Ewwel Qorti skwalifikat lill-appellat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tmint (8) ijiem.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fil-15 ta' Novembru 2022 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet ħtija fir-rigward tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet u tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ma sabitx ħtija fir-rigward tat-tieni imputazzjoni u minflok issib ħtija f'dan ir-rigward ukoll u tinfliġġi piena adegwata u skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet, fis-seduta tat-22 ta' Ġunju 2023, lill-konsulent legali tal-appellat iressaq eċċezzjoni ta' nullita' tar-Rikors tal-appell tal-appellant Avukat Ġenerali minħabba li argumenta li ma ġiex osservat terminu tal-liġi u fl-istess seduta semgħet ukoll is-sottomissjonijiet tiegħu f'dan ir-rigward.

Rat illi l-appellant Avukat Ġenerali ma ppreżenta l-ebda Nota ta' Sottomissjonijiet minkejja li ngħata l-fakolta' li jagħmel hekk fis-seduta tat-22 ta' Ġunju 2023 u li in segwitu ta' hekk lanqas l-appellat ma ppreżenta l-ebda Nota ta' Sottomissjonijiet.

Rat dak li ġie verbalizzat fil-verbal tas-seduta miżmuma fit-3 ta' Ottubru 2023, f'liema seduta nstemgħu is-sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm li għamel il-konsulent legali tal-appellat u dana fir-rigward tal-eċċezjoni ta' nullita' hawn fuq imsemmija, fejn l-avukat mill-uffiċju tal-appellant Avukat Ġenerali rrimetta ruħu għal dak li jirriżulta mill-atti proċesswali.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar l-eċċezzjoni ta' nullita' tar-Rikors tal-appell tal-appellant Avukat Ġenerali mressqa mill-appellat fis-seduta tat-22 ta' Ġunju 2023 kif hawn fuq imsemmi.

Illi l-appellat jgħid is-segwenti:

- in-Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn huwa għarraf lill-Ewwel Qorti li kien bi ħsiebu jappella mis-sentenza appellata u fejn huwa talab li l-atti proċesswali (inkluż is-sentenza appellata) jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali ġiet ippreżentata fit-terminu mogħti fil-liġi:

- l-appellant Avukat Ġenerali żamm mat-terminu ta' tnax-il jum tax-xogħol biex iressaq ir-Rikors tal-appell tiegħu mindu huwa rċieva l-atti proċesswali mill-Qorti.

Illi minkejja dak li ngħad hawn fuq, l-appellat jisħaq li wara li ġiet ippreżentata n-Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija hawn fuq imsemmija, ir-Reġistratur tal-Qorti bagħat l-atti lill-Avukat Ġenerali għaxart ijiem wara u ċioè oltre ż-żmien imsemmi fil-liġi. Jargumenta li minkejja hemm ġurisprudenza li tgħid li f'ċirkostanzi bħal dawn dan ma kienx tort tal-Avukat Ġenerali u liema ġurisprudenza salvat l-appell li kien ippreżenta l-Avukat Ġenerali, pero' jisħaq li ġialadarba ġiet ippreżentata n-Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat Ġenerali kien infurmat illi ser isir appell u li l-Avukat Ġenerali kellu jiġri wara r-Reġistratur tal-Qorti biex l-atti proċesswali jintbagħtu lilu fil-ħin.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li jiddisponi Artikolu 414(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "Meta l-kawża titmexxa mill-Pulizija, il-qorti li tagħti s-sentenza għandha, fuq talba bil-miktub magħmula lilha mill-Pulizija, jew mill-parti offiża notifikata bl-avviż tal-ewwel smigħ jew imdaħħla fil-proċeduri kif provdut fis-subartikoli (4) u (5) tal-artikolu 410, <u>mhux aktar tard minn erbat (4) ijiem tax-xogħol</u> mill-għoti ta' dik is-sentenza, tagħti aċċess lill-Avukat Ġenerali bil-mezzi elettroniċi, permezz tar-reġistratur, <u>fi żmien tlett (3) ijiem tax-xogħol minn dakinhar tat-talba</u>, għal kopja skenjata tas-sentenza flimkien ma' kopja skenjata tal-atti tal-kawża u max-xhieda, jekk din tkun tniżżlet bil-miktub." [emfażi miżjuda]

Illi b'żieda ma' dan hawn ikkwotat, din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għal Artikolu 417(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

> "L-appell jinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali li b'rikors li għandu jiġi ppreżentat <u>fi żmien tnax-il jum tax-xogħol</u>, li jibdew igħaddu, għall-persuna misjuba ħatja u għall-kwerelant, mill-ġurnata tas-sentenza definittiva, u, għall-Avukat-Ġenerali, <u>minn</u>

dakinhar li jingħata aċċess bil-mezzi elettroniċi għall-atti skenjati:

[...].” [emfażi miżjuda]

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- is-sentenza appellata ngħatat mill-Ewwel Qorti fit-18 ta' Ottubru 2022 (*a fol.* 14 *et seq.*);

- in-Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija *ai termini* ta' Artikolu 414(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġiet ippreżentata fir-Reġistru tal-Qorti fil-21 ta' Ottubru 2022 (*a fol.* 22);

- fuq in-Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija hawn fuq imsemmija hemm timbru ta' Deputat Reġistratur bid-data tal-31 ta' Ottubru 2022 u fuq l-istess Nota hemm timbru ieħor tal-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali bil-kelma "Received" bid-data tal-31 ta' Ottubru 2022 (*a fol.* 22);

- timbru tal-Avukat Ġenerali bl-istess data tal-31 ta' Ottubru 2022 bil-kelma "Received" kif imsemmi fil-paragrafu ta' qabel dan tinsab ukoll fuq is-sentenza appellata (*a fol.* 14 *et seq.*);

- ir-Rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali ġie ppreżentat fil-15 ta' Novembru 2022 u ċioè fiż-żmien rikjest mil-liġi li huwa kellu jippreżentah mindu rċieva l-atti proċesswali.

Illi b'hekk isegwi li huwa minnu li r-Reġistratur tal-Qorti ma bagħatx l-atti proċesswali lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien rikjest mil-liġi. Għandu dan in-nuqqas iwassal lil din il-Qorti tiddikjara r-Rikors tal-appell tal-appellant Avukat Ġenerali bħala null kif qed jargumenta l-appellat?

Illi filwaqt li din il-Qorti tifhem li t-termini rikjesti mil-liġi qegħdin hemm biex jiġu osservati skrupolożament pero' din il-Qorti ma tista' qatt tiddikjara r-Rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali bħala

null kif jargumenta l-appellat u dana minħabba li l-Avukat Ġenerali ma kellu l-ebda rwol fin-nuqqas tar-Reġistratur li josserva dak li tiddisponi l-liġi. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li l-argument tal-appellat li l-Avukat Ġenerali kellu jiġri wara r-Reġistratur biex l-atti jintbagħtulu fil-ħin huwa bla ebda bażi. Apparti l-fatt li ma jirriżulta bl-ebda mod li l-Avukat Ġenerali kien jaf li l-Pulizija talbet li l-atti proċesswali jintbagħtu lilu peress li l-Pulizija kien bi ħsiebha tappella mis-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti, il-liġi ma tirrikjediex li l-Pulizija tinforma lill-Avukat Ġenerali b'dan malli tippreżenta n-Nota *ai termini* ta' Artikolu 414(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Apparti minn hekk, fuq in-Nota in kwistjoni (*a fol.* 22) imkien ma hemm imniżżel li l-Avukat Ġenerali ġie nfurmat bil-preżentata tagħha (tan-Nota) fil-mument proprju li ġiet ippreżentata. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li mhuwiex korrett l-appellat meta fis-sottomissjonijiet ulterjuri tiegħu tat-3 ta' Ottubru 2023 huwa qal li meta l-Pulizija ppreżentat in-Nota in kwistjoni b'hekk allura l-Avukat Ġenerali kien infurmat li ser isir appell ġialadarba ġiet ippreżentata n-Nota. Għal kjarezza jingħad li l-fatt li tkun ġiet ippreżentata n-Nota mill-Pulizija ma jfissirx li l-Avukat Ġenerali ser jippreżenta appell mis-sentenza in kwistjoni u dana peress li huwa jista' ma jappellax wara li jkun ħa konjizzjoni tal-atti proċesswali. B'hekk isegwi li l-eċċezzjoni mressqa mill-appellat ser tiġi miċħuda.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjoni mressqa mill-appellat dwar in-nullita' tar-Rikors tal-appell tal-appellant Avukat Ġenerali u tordna l-prosegwiment tas-smiegħ tal-appell.

Finalment, il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali sabiex iġib a konjizzjoni tad-Deputati Reġistraturi kollha tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u

tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bl-importanza li t-termini tal-liġi jiġu osservati.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**